MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2014

Numru. 116/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Jonathan Ferris]**

**vs**

**David Louis Vella**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi David Louis Vella detentur tal-karta tal-identita` numru 161781(M).

Akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, f'Awwissu 2013 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) bi hsara ta' Anglu Grech ID 975046M.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni fejn f'kaz ta' sejbien ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat id-dokumenti pprezentati inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 18, 308, 309, 310(1)(b), 532A, 532B u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante hlas relattiv u ammissjoni mill-imputat fi stadju bikri tal-proceduri u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista'

jirregola ruhu, qed issib lill-imputat David Louis Vella hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-llum.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------